KLR 15/VI/2010

Minuti tal-ħmistax -il laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex. Din inżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 3 ta' Awwissu 2010 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-membri qablu sabiex tinqala' l-aħħar *road hump* li hemm fi Triq Vajrinġa qabel taqbad Pjazza Santu Wistin. Dan peress li r-residenti qed jilmentaw li l-vetturi li jgħaddu minn fuqha qed iħabbtu. Ser tinqala' wkoll dik ta' Triq Sir Arturo Mercieca peress li nofsha miksurha. Għandha tinżebaħ *Stop* qabel tinqala' ta' Triq Sir Arturo Mercieca.

1.2 Dwar korrispondenza li bagħat is-Sur Anton F. Attard li tirrigwardja bankina quddiem propjeta' tiegħu fi Triq Universitas, il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill kien lesta x-xogħol kollu ta' din it-triq. Sadanittant saret trinka minn naħħa ta' Road Construction fejn tmessew xi bankini. Għaldaqstant il-bankina ta-Sur Attard trid titkompla minn din il-kumpanija.

**2. Offerta – Ġbir ta' skart domestiku**

Il-membri qablu li tinħareġ l-offerta skond il-punti maqbula fl-laqgħat preċedenti.

**3. Youth Project – Beyond D Walls – Settembru 2010**

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ser jorganiżża attivita' fit-18 u d-19 ta' Settembu 2010 fiċ-Ċittadella. Din bl-isem – Beyond D Walls. L-attivitjiet jinkludu *treasure hunt*, wirja ta' ritratti, drama, 12 steps, *Gozo's Biggest Dance* u attivitajiet simili, hemm bzonn sound, lighting, flokkijiet ghaz-zfin u siggijiet ghad-drama, u spejjes ohra marbuta mal-exhibitons u flyers u leaflets... Il-membri qablu ma dan.

**4. Youth Local Council**

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jerġa ' japplika sabiex jipparteċipa f'dan il-proġett, għas-sena 2011.

## 5. *Website* tal-Kunsill

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ offerta sabiex issir *website* gdida. Dan peress li ilha fuq ħames snin l-istess. Il-membri qablu ma dan.

## 6. Sistema ġdida *Local Enforcement System* – LES

Is-Sindku għarraf lill-membri li bil-liġi l-ġdida tal-Gvern Lokali inħolqu r-Reġjuni madwar Malta. Għawdex ser ikun reġjun għalih. Għaldaqstant is-sistema tal-gwardjani lokali ser tiġi ċentralizżżata u titħaddem mill-Kumitat Reġjonali. Is-Sindku spjega ċar li bħala kunsill qatt ma kien hemm qbil illi ir-Rabat jerga jiddaħħal fil-pooling, imma din hi kwistjoni ta' Ligi konsegwenza tar-riforma. Għalhekk il-kunsill qabel li la darba joħrog it-tender il-ġdid, ir-Rabat jkun jifforma parti mir-reġjun ghal finijiet ta' polling ukoll. Jidher li t-tender il-ġdid jista jidħol fl-1 ta' Ottubru 2010 u flimien ma Ghawdex għandu jibda' reġjun iehor minn Malta.. Id-dħul u l-ispejjes kollha jgħaddu f'idejn il-kumitat reġjonali. Is-Sindku tenna li għamilha ċara li jekk l-LES trid tkun imexxija minn dan il-kumitat, anke' is-sistema tad-dawl tat-toroq trid titmexxa wkoll minn dan il-kumitat. Din b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

## 7. Serata di Gola

Is-Sindku spjega x'jirrikjedi għal din l-attivita'. Dan jinsab spjegat fid-dokument anness. Id-delegazzjoni minn Bologna tiġi f'Mejju u l-attivta' fl-Italja imbgħad issir f'Ġunju 2011. Id-delegazzjoni titlob €20,000 għal partecipazzjoni bħala parti mill-ispejjes u l-ikel sabiex jintuża waqt l-attivita'. Is-Sindku għarraf lill-membri li hemm spejjes oħra ta' meta delegazzjoni izzur Għawdex u sabiex jiġi kopert dawn l-ispejjes, tkellem ma l-MTA u l-Gozo Business Chamber. Dawn wrew intesss kbir f'din l-attivita'. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li din l-attivita'issir.

## 8. Ċentru Ċiviku Belt Victoria

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' biċċa raba' mitluqa li hi propjeta' tal-Gvern. Dan sabiex jiġi suġġerit li jisir Ċentru Ċiviku immexxi mill-Kunsill. Din tinsab fi Triq ta' Wara s-Sur kantuniera ma Triq Wied is-Seqer. Is-Sindku suġġerixxa wkoll li billi din l-*area* fiha diżlivell kbir, fil-proġett jiġi nkluż li jsir parkeġġ. Hekk il-Kunsill ikun jista' jiffinanzja dan il-parkeġġ mill-fond tas-CPPS tal-MEPA. Il-membri qablu ma dawn is-suġġerimenti u għaldaqstant għandu jinbeda l-proċess għat-talba tad-devoluzzjoni.

## 9. Devoluzzjoni – *Kiosk* tal-*playing field*

Il-membri ġew mgħarrfa li fit-22 ta' Lulju 2010 ġie ffirmat il-kuntratt għad-devoluzzjoni tal-kiosk tal-*playing field* ta' meġenb il-*bus terminus*. Hekk wara li jinħarġu l-permessi tal-MEPA meta jgħalaq il-proċess tal-Pjan Lokai għal Għawdex u Kemuna, il-Kunsill ikun jista' jibda x-xogħol fl-*area* tal-*playing field*. Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħħa tal-Minsiteru għal Għawdex offrew li l-Kunsill ikun jista' juża l-ġibjujn tal-provista' ta' l-ilma mill-Villa Rundle.

Dan peress li hu rekwiżit ma' l-applikazzjoni sottomessa lill-MEPA sabiex tkun tista' titranġa din l-*area*. Il-membri qablu li l-applikazzjoni preċednti tibqa' sservi bħala *outline plan* tal-post.

## 10. *CCTV camera* – Pjazza San Franġisk

Wara t-tlett xhur ta' prova, il-membri qablu li din il-*camera* ġabet ordni f'din il-pjazza li qabel kienet moħnuqa bit-traffiku u l-ipparjkjar illegali. Għaldaqstant il-membri qablu li l-*camrera* titħalla fil-post anke' minħabba l-fatt li mhux qed jinħarġu daqshekk ċitazzjonijiet. Dan peress li min juża l-pjazza qed joqgħod aktar attent fejn jipparkja l-vettura tiegħu. Rigward dik ta' Pjazza Savina il-membri qablu li ma ssirx fuq l-arblu ta' quddiem Portelli Confectionary. Għalhekk għandu jinstab post alternattiv fejn il-pjazza kollha tkun tista' tintlaħaq.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet pendenti

Ġew approvati l-kontijiet penedenti. Ara dokument B anness.

## 12. Pjazza San Ġorġ

Il-membri ġew mgħarfa li l-porġett tad-dawl f'din il-pjazza ser jitkompla wara l-festa ta' Santa Marija. Ġie mressaq ir-rapport ta' Galea Cumri rigward il-materjal rikjest fl-offerta għax-xiri tad-dawl. Il-membri qablu li jitħallas parti minn dan id-dawl skond kif indikat fir-rapport. Ir-rapport ser jintbgħat ukoll lill-Ing. Ray Piscopo mill-MEPA, sabiex jinġabru l-fondi li kien baqa' mill-parti li ser tħallas il-MEPA għal dan il-porġett. Wara l-festa ta' Santa Marija, Pjazza San Ġorġ ser terġa tinħasel bil-*pressure washer*.

## 13. Korripsondenza

Is-Seg. Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand:-

13.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali:-
13.1.1 fejn il-Kunsill ingħata €8,000 fuq l-iskema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Dawn sabiex jgħinu fir-restawr ta' erba' niċċeċ. Il-Kunsill ser joħroġ offerta sabiex isir ix-xogħol fuq dawn in-niċċeċ;
13.1.2 dwar Memo 78/2010 fuq sejħa għal proposti ta' proġetti taħt il-fond ewroew għall-iżvilupp reġjonali (FERŻ) 2007-2013 immirata għall-Kunsilli Lokali;
13.1.3 dwar Memo 95/2010 dwar l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitatjiet 2011. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li ġiet sottomessa l-applikazzjoni fuq l-attivita' ta' l-ewwel tas-sena;

13.2 il-MEPA dwar:-
13.2.1 l-*Urban Improvement Fund* (UIF) li sa l-aħħar ta' Ġunju 2010 kien jammonta għall-€71,844;
13.2.2 dwar sit fi Triq il-Muniċipju Ruman li kien irrapporta il-Kunsill sabiex jittella l-ħajt ta' tmin filati. Minn naħħa tal-MEPA l-Kunsill ġie mgħarraf li saret spezzjoni u rriżulta li s-sit

instab nadif u għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi ma jistgħu jittieħdu ebda' passi ta' nfurzar biex l-għalqa tiġi magħluqa b'ħajt tal-madwar;

13.3 it-Transport Malta (TM) fejn inħareġ il-permess biex:-
13.3.1 isiru żewġ *un/loading bays* fi Pjazza San Franġisk;
13.3.2 teħel *traffic mirror* f'taċ-Ċawla H.E. qrib *drive-in*;

13.4 Carmel Abela fejn talab li jsir sinjal isfar twil metru maġenb il-garaxx tiegħu f''Eden' Triq Ġużè' Labre'. Dan minħabba li bil-vetturi pparkjati ma jkunx jista' joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx. Il-membri qablu li jintalab il-permess tat-TM;

13.5 Michael Saliba f'isem il-Fondazzjoni ARKA fejn talab il-permess sabiex isir BBQ fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Dan is-Sibt 11 ta' Settembu 2010. Il-membri qablu li l-permess jinħareġ mis-13.00 il-quddiem u l-post irid jitħalla nadif;

13.6 Ronald Borġ fejn għarraf lill-Kunsill bid-diffikulta li qed isib sabiex joħroġ il-vettura tiegħu mil-garaxx fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Is-Sindku għarraf lill-membri li kien hemm persuna oħra li kelmitu u qaltlu b'din il-problema. Il-membri qablu li jintalbu l-veduti tar-residenti qabel jintalab il-permess tat-TM biex jinżebaħ sinjal isfar twil metru fuq ix-xellug ta' kull garaxx tad-djar li jinsabu wara s-*central strip* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

13.7 Dun Ġorġ Farruġia għan-nom tal-*Catholic Revival Movement* fejn talab permess biex isir *healing service* fi Pjazza San Ġroġ nhar il-Ħadd 26 ta' Settebmru 2010. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li jġib il-permess tal-Kurja u tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li mhux maħsub li jsiru attivitajiet oħra diġa ppjanati;

13.8 Ġorġ Cremona fejn ressaq xi suġġerimenti li jirrigwardjaw it-traffiku fir-Rabat. Il-membri qablu li dawn is-suġġeriment jgħaddu lit-TM. Suġġerimenti oħra jirrigwardjaw lill-Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill diġa' indirizza dawn is-suġġerimenti;

13.9 l-Oasi fejn intbagħtu dettalji rigward in-nominazzjonijet għaż-Żgħażugħ tas-sena 2010;

13.10 Galea Curmi Eng. Consultants Ltd. fejn bgħatu l-istima sabiex issir bozza ġdidi fi Triq l-10 ta' Ġunju, wara The Duke. L-istima telgħet għall-€5,804.62. Il-Kunsill għandu jivverifika dan peress li l-prezz jidher ftit għoli.

**14. Materji oħra**

Il-membri qablu li :-

14.1 tinħareġ offerta għad-disinn u x-xogħol li għandu jsir fl-ufficċju *front office* li ser ikun fis-sular t'isfel tal-Banca Giuratale;

14.2 sakemm il-Kumitat Reġjonali joħroġ l-*expression of interest* għal-ufficċju reġjonali, temporanjament għandu jintuża l-ufficċju tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex;

14.3 jsir *water culvert* żgħir fil-bokka tal-wied li jwassal l-ilma għal-Wied il-Lunzjata. Dan fi Triq Kerċem maġenb id-dar 'Bajada'. Intalab dan peress li l-Kunsill bena ħajt protettiv maġenb dan il-wied u jista' jkun li bih ma jintlaqx daqshekk ilma tax-xita;

14.4 ssir pjanta tal-Perit li turi l-*parkinġ bays* fi Triq Sir Luiġi Camilleri. Din sabiex tiġi approvata mit-TM;

14.5 quddiem id-dar 'Micallef' fi Triq Pompei, ir-rampa li kienet tintuża għas-sġġu tar-roti terġa' ssir bankina normali. Dan peress li s-siġġu tar-roti m'għadux jintuża f'din id-dar;

14.6 jiġi rappurtat lill-MEPA sabiex jiġi nfurzat it-tindif ta' ġol-parapett mitluq ta' fejn kien hemm il-Cupid Restaurant fi Triq Fortunato Mizzi;

14.7 il-Kunsill jitlob lit-TM issib soluzzjoni għall-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq Fortunato Mizzi kantuniera ma Triq Viani. Dan peress li din tinsab f'post perikoluż ferm u diġa' saru diversi nċidenti ikkawżati minn din il-*pedestrian crossing*;

14.8 il-*kiosks* ta' l-ikel li ser jintramaw fil-*bus terminus* fil-festa ta' Santa Marija, jintramaw b'tali mod li jkunu qabel il-*buses* ipparkjati fil-prati t'isfel tal-venda. Għaldaqstant il-*kiosks* iż-żgħar jitpoġġew ma l-ewwel żewġ *central strips* f'nofs il-venda u t-trukkijiet il-kbar jitpoġġew wara xulxin maġenb il-kamra tal-venda. Dawn kollha skond kif ittellgħu bix-xorti quddiem is-sidien stess. Dwar Joseph Mercieca li hu bejjiegħa tal-pastizzi, il-membri ma qablux li dan jingħata peremess jarma fi Triq Repubblika, minħabba li jibiegħ l-ikel. Għaldaqstnat il-permess li jrid jinħariġlu hu fil-*bus terminus* fejn tpoġġew il-*kiosks* kollha li jibigħu l-ikel. Dan ma jitqiesx ikel tradizzjniali peress li l-Avviż Legali jispeċifika biss il-qubbajt bħala ikel tradizzjonali;

14.10 l-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-kunċert li ser isir fi Pjazza Savina mis-Soċjeta' Filarmonka Leone nhar it-Tnejn 9 ta' Awwissu 2010;

14.10 jintalbu stimi biex jinxtara *air-condition unit* għall-uffiċċju ta' l-istaff peress li dakeżistetni spiċċa. L-*air condition* l-antik (*code* - OE 004) li illum gandu *net book value* ta' €163.36;

14.11 Is-Sindku għarraf lill-membri li fl-okkażjoni li l-APS ser jgħalqu 100 sena joperaw f'Malta, wrew ix-xewqa li jgħinu lill-Kunsill fi porġett partikolari. Is-Sindku suġġerixxa li jintbgaħtu l-istimi tar-restawr ta' l-ewwel erba' niċċeċ, l-istima tal-porġett tal-foss taċ-Ċittadella, u l-istima tal-proġett tal-*playing field*. Dan kif intalab mill-Manaġer tal-fergħa t'Għawdex, is-Sur Mario Casha. Hekk minn naħħa ta' l-APS dawn l-isitmi jkunu jistgħu jiġu evalwati u mbgħad jiddeċiedu jekk jgħinux lill-Kunsill jew le. Il-membri qablu mal-proġetti msemmija mis-Sindku.

14.12 Il-membri ġew mgħarrfa bil-*feedback* li kien hemm mir-residenti meta ġew infurmati li Triq Borġ Geritu ser tingħalaq għat-traffiku minn naħħa ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Il-membri qablu li jintalab il-permess tat-TM sabiex bi prova ta' tlett xhur, minflok tingħalaq għall

vetturi kollha, Triq Borġ Geritu tingħalaq għall-vettrui tqal biss.  Il-permess preċedenti ma jiġix irtirat.

14.13  Tressqu żewġ talbiet għall-bozzoz ġodda. Waħda ma 'Xambekk Court, Il-Falkun', Triq Wied is-Seqer.  Dawn huma *flats* li jinsabu fi *driv-in* privata. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jagħmel dawl pubbliku fi propjeta' privata.  It-talba l-oħra hi fi Triq tal-Madliena fejn hemm nuqqas ta' dawl.  Il-membri qablu li jintalab il-parir u l-isitma ta' l-Enġiniera tad-dawl.

Il-laqgħa spiċċat fi-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settebmru 2010 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |